II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/844

tal-24 ta' April 2023

li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 36/2012 tat-18 ta' Jannar 2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 442/2011 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 32(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-18 ta' Jannar 2012, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 36/2012.

(2) Il-Kunsill jibqa' mħasseb ħafna dwar is-sitwazzjoni fis-Sirja. Wara aktar minn deċennju, il-kunflitt fis-Sirja għadu 'l bogħod milli jintemm u għadu sors ta' tbatija u instabbiltà.

(3) Il-Kunsill jinnota li r-reġim Sirjan qed ikompli jsegwi l-politika ta' repressjoni tiegħu. Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni li għadha tippersisti, il-Kunsill iqis li hu meħtieġ li jżomm u jiżgura l-effettività tal-miżuri restrittivi stabbiliti, billi jkompli jiżviluppahom waqt li jżomm l-approċċ immirat u differenzjat tagħhom, filwaqt li jqis il-kundizzjonijiet umanitarji tal-popolazzjoni Sirjana. Il-Kunsill iqis li ċerti kategoriji ta' persuni u entitajiet huma ta' rilevanza partikolari għall-effettività ta' dawk il-miżuri restrittivi, minħabba l-kuntest speċifiku dominanti fis-Sirja.

(4) Il-Kunsill ivvaluta li l-milizzji affiljati mar-reġim jappoġġaw lir-reġim Sirjan fil-politiki ta' repressjoni tiegħu, iwettqu abbużi tad-drittijiet tal-bniedem u ksur tad-dritt umanitarju internazzjonali f'isem ir-reġim Sirjan u li l-membri tagħhom joħolqu riskju serju ta' twettiq ta' aktar ksur bħal dan. F'dawn l-aħħar snin kien hemm żieda fil-kumpanniji tas-sigurtà privati li joperaw fis-Sirja, li jagħixxu bħala kumpanniji fittizji għal milizzji affiljati mar-reġim u jappoġġawhom permezz ta' attivitajiet bħar-reklutaġġ ta' membri. Għalhekk, il-Kunsill iqis li huma meħtieġa aktar miżuri restrittivi biex jiġu ffriżati l-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu lil, huma proprjetà ta', miżmuma jew ikkontrollati minn membri ta' milizzji affiljati mar-reġim Sirjan, kif ukoll persuni u entitajiet marbuta ma' ċerti kumpanniji tas-sigurtà privati li jappoġġaw tali milizzji affiljati mar-reġim, u biex jiġu imposti restrizzjonijiet fuq l-ammissjoni għal tali persuni, kif identifikati mill-Kunsill u elenkati fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012.

([1]) ĠU L 16, 19.1.2012, p. 1.

(5) Il-Kunsill huwa mħasseb ħafna dwar iż-żieda fil-kummerċ tan-narkotiċi li joriġinaw fis-Sirja. Il-Kunsill ivvaluta b'mod partikolari li l-kummerċ fl-amfetamini sar mudell ta' negozju mmexxi mir-reġim, li jarrikkixxi ċ-ċirku intern tar-reġim, u jipprovdilu dħul li jikkontribwixxi għall-kapaċità tiegħu li jżomm il-politiki ta' repressjoni tiegħu. Il-Kunsill iqis li hu għandu jipprevedi miżuri restrittivi għall-iffriżar tal-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu lil, huma proprjetà ta', miżmuma jew ikkontrollati minn ċerti persuni u entitajiet involuti fil-produzzjoni jew it-traffikar ta' narkotiċi li joriġinaw fis-Sirja, kif identifikati mill-Kunsill u elenkati fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012, u biex jimponi restrizzjonijiet fuq l-ammissjoni għal tali persuni, sabiex ma jħallihomx jipprovdu appoġġ lir-reġim u biex tiżdied il-pressjoni fuq ir-reġim biex jibdel il-politiki ta' repressjoni tiegħu. Dawn il-miżuri għandhom ukoll l-għan li jnaqqsu r-riskju li tiġi mminata l-effettività tal-miżuri restrittivi billi jimmiraw il-kapaċità tar-reġim li jirrikorri għal rikavati mill-kummerċ tan-narkotiċi biex ikompli bil-politika ta' repressjoni tiegħu.

(6) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, il-Kunsill iqis li 25 persuna u 8 entitajiet jenħtieġ li jiżdiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi stabbiliti fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012.

(7) Għaldaqstant, ir-Regolament (UE) Nru 36/2012 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012 huwa emendat kif jinsab fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-24 ta' April 2023.

Għall-Kunsill
Il-President
J. BORRELL FONTELLES

ANNESS

L-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012 huwa emendat kif ġej:

(1) l-entrati li ġejjin jiżdiedu mal-lista li tinsab fit-Taqsima A (Persuni):

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"327.	Wasim Badia AL-ASSAD وسيم بديع الأسد	Data tat-twelid: 18.7.1980; Post tat-twelid: Qardaha/Syria; Nazzjonalità: Sirjana; Sess: raġel	Wasim Badia al-Assad huwa l-kuġin ta' Bashar al-Assad; għalhekk huwa membru tal-familja Assad. Wasim Badia al-Assad huwa involut ukoll fil-produzzjoni u fit-traffikar ta' Captagon. B'mod partikolari, huwa kien involut fil-produzzjoni ta' Captagon u huwa responsabbli għall-konsenji tad-droga. Il-kummerċ ta' Captagon sar mudell ta' negozju mmexxi mir-reġim, li jarrikkixxi ċ-ċirku intern tar-reġim u jifforma l-ankra ta' salvataġġ tiegħu. Għalhekk jibbenefika mir-reġim u jappoġġah.	24.4.2023
328.	Samer Kamal AL-ASSAD magħruf ukoll bħala 'Samir' سامر كمال الأسد	Data tat-twelid: 19.5.1973; Post tat-twelid: Qardaha, Syria; Nazzjonalità: Sirjana; Sess: raġel	Samer Kamal al-Assad huwa membru tal-familja Assad. Huwa jopera fil-kuntest tal-kummerċ tan-narkotiċi, b'mod partikolari fil-produzzjoni tagħhom. Il-kummerċ ta' Captagon sar mudell ta' negozju mmexxi mir-reġim, li jarrikkixxi ċ-ċirku intern tar-reġim u jifforma l-ankra ta' salvataġġ tiegħu. Għalhekk jibbenefika mir-reġim u jappoġġah.	24.4.2023
329.	Mudar Rifaat AL-ASSAD magħruf ukoll bħala 'Rifa'at' مضر رفعت الأسد	Data tat-twelid: 1964; Post tat-twelid: Syria; Nazzjonalità: Sirjana; Sess: raġel	Mudar Rifaat al-Assad huwa l-kuġin ta' Bashar al-Assad; għalhekk huwa membru tal-familja Assad.	24.4.2023
330.	Mohammad SHALISH محمد شاليش	Nazzjonalità: Sirjana; Sess: raġel	Mohammad Shalish għandu rabtiet mill-qrib mar-reġim. Huwa marbut ma' operazzjonijiet tad-droga u b'mod aktar speċifiku mal-kummerċ ta' Captagon fir-reġjun ta' Lattakia. Il-kummerċ ta' Captagon sar mudell ta' negozju mmexxi mir-reġim, li jarrikkixxi ċ-ċirku intern tar-reġim u jifforma l-ankra ta' salvataġġ tiegħu. Għalhekk jibbenefika mir-reġim u jappoġġah.	24.4.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
331.	Waseem Omar AL-MASALMA وسيم عمر المسالمة	Data tat-twelid: 27.8.1981 Post tat-twelid: Bosra Al-Sham/Syria; Nazzjonalità: Sirjana; Sess: raġel	Waseem Omar al-Masalma huwa mexxej ta' milizzja affiljata mar-reġim. Waseem Omar al-Masalma huwa involut fil-kummerċ ta' Captagon immexxi mir-reġim fin-Nofsinhar tas-Sirja, speċjalment f'Deraa. Il-kummerċ ta' Captagon sar mudell ta' negozju mmexxi mir-reġim, li jarrikkixxi ċ-ċirku intern tar-reġim u jifforma l-ankra ta' salvataġġ tiegħu. Għalhekk jibbenefika mir-reġim u jappoġġah.	24.4.2023
332.	Amer Tayseer KHITI عامرتيسير خيتي	Data tat-twelid: 31.7.1980; Post tat-twelid: Douma/Rif Dimashq Governorate/Syria; Nazzjonalità: Sirjana; Sess: raġel	Amer Tayseer Khiti huwa negozjant ewlieni li jopera fis-Sirja b'interessi fil-proprjetà immobbli, fil-kostruzzjoni u fl-industrija. Għandu rabtiet mill-qrib mal-familja Assad. Huwa sostenitur tal-president al-Assad u organizza dimostrazzjonijiet għalih. Amer Tayseer Khiti huwa involut ukoll f'operazzjonijiet ta' kuntrabandu ta' Captagon u xtara proprjetajiet immobbli sabiex jinvesti f'faċilitajiet ta' imballaġġ li jintużaw għall-kuntrabandu tad-droga. Il-kummerċ ta' Captagon sar mudell ta' negozju mmexxi mir-reġim, li jarrikkixxi ċ-ċirku intern tar-reġim u jifforma l-ankra ta' salvataġġ tiegħu. Għalhekk jibbenefika mir-reġim u jappoġġah.	24.4.2023
333.	Abdellatif HAMID magħruf ukoll bħala 'Hamida' عبد اللطيف حميدة	Data tat-twelid: 1.12.1977; Post tat-twelid: Aleppo, Syria; Nazzjonalità: Sirjana; Sess: raġel	Abdellatif Hamid għandu rabtiet mill-qrib mal-familja Assad. Abdellatif Hamid huwa s-sid ta' fabbrika f'Aleppo li ġiet implikata fil-produzzjoni u fit-traffikar ta' Captagon. Il-kummerċ ta' Captagon sar mudell ta' negozju mmexxi mir-reġim, li jarrikkixxi ċ-ċirku intern tar-reġim u jifforma l-ankra ta' salvataġġ tiegħu. Għalhekk jibbenefika mir-reġim u jappoġġah.	24.4.2023
334.	Nouh ZAITER Noah ZAITER Noah ZAYTAR نوح زعيتر	Data tat-twelid: 1977; Post tat-twelid: Zahle, Lebanon; Nazzjonalità: Libaniża; Sess: raġel	Nouh Zaiter huwa assoċjat mal-membri tal-familja Assad. Huwa involut fit-traffikar ta' Captagon fil-Libanu u fis-Sirja. Il-kummerċ ta' Captagon sar mudell ta' negozju mmexxi mir-reġim, li jarrikkixxi ċ-ċirku intern tar-reġim u jifforma l-ankra ta' salvataġġ tiegħu. Għalhekk jibbenefika mir-reġim u jappoġġah.	24.4.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
335.	Taher AL-KAYALI طاهر الكيالي	Data tat-twelid: 13.12.1959; Nazzjonalità: Sirjana; Sess: raġel.	Taher Al-Kayali huwa negozjant Sirjan li għandu diversi kumpaniji fosthom Neptunus LLC. Permezz tal-kumpaniji tiegħu, huwa involut fil-produzzjoni u fit-traffikar ta' Captagon, speċjalment f'termini ta' trasport mill-port ta' Latakia. Il-kummerċ ta' Captagon sar mudell ta' negozju mmexxi mir-reġim, li jarrikkixxi ċ-ċirku intern tar-reġim u jifforma l-ankra ta' salvataġġ tiegħu. Għalhekk jibbenefika mir-reġim u jappoġġah.	24.4.2023
336.	Imad Abu ZUREIQ Emad Abu ZURAIQ Imad Abu ZREIK عماد أبو زريق	Data tat-twelid: 1982; Post tat-twelid: Nasib, Daraa (Syria); Nazzjonalità: Sirjana; Post suspettat: Daraa, Syria; Sess: raġel	Imad Abu Zureiq huwa membru ewlieni ta' milizzja affiljata mar-reġim fil-Lbiċ tas-Sirja li tirrapporta direttament lill-fergħa tas-Sigurtà Militari tar-reġim Sirjan. Bħalissa l-milizzja tiegħu tapprofitta mill-ekonomija tal-gwerra, inkluż it-traffikar ta' Captagon. Il-kummerċ ta' Captagon sar mudell ta' negozju mmexxi mir-reġim, li jarrikkixxi ċ-ċirku intern tar-reġim u jifforma l-ankra ta' salvataġġ tiegħu. Għalhekk jibbenefika mir-reġim u jappoġġah.	24.4.2023
337.	Mustafa AL-MASALMAH magħruf ukoll bħala Mustafa AL-KASAM/QASIM مصطفى المسالمة/الكسم	Nazzjonalità: Sirjana; Post suspettat: Daraa Al-Balad, Syria Sess: raġel	Mustafa al-Masalmah imexxi milizzja affiljata mar-reġim li tirrapporta direttament lill-fergħa tas-Sigurtà Militari tar-reġim Sirjan. Bħalissa l-milizzja tiegħu tapprofitta mill-ekonomija tal-gwerra, inkluż it-traffikar tad-droga sintetika Captagon. Il-kummerċ ta' Captagon sar mudell ta' negozju mmexxi mir-reġim, li jarrikkixxi ċ-ċirku intern tar-reġim u jifforma l-ankra ta' salvataġġ tiegħu. Għalhekk jibbenefika mir-reġim u jappoġġah, u huwa assoċjat miegħu.	24.4.2023
338.	Hassan Muhammad DAQQOU حسن محمد دقو	Data tat-twelid: 1.2.1985; Post tat-twelid: Tfail, Lebanon; Nazzjonalità: Sirjana/Libaniża; Sess: raġel	Hassan Muhammad Daqqou għandu rabtiet mill-qrib mar-Raba' Diviżjoni tal-Armata Sirjana. Daqqou stabbilixxa network wiesa' tat-traffikar tad-droga fil-Libanu u fis-Sirja u bena impjanti tal-manifattura ta' Captagon qrib il-fruntiera Sirjana-Libaniża. Il-kummerċ ta' Captagon sar mudell ta' negozju mmexxi mir-reġim, li jarrikkixxi ċ-ċirku intern tar-reġim u jifforma l-ankra ta' salvataġġ tiegħu. Għalhekk jibbenefika mir-reġim u jappoġġah.	24.4.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
339.	Jihad BARAKAT جهاد بركات	Data tat-twelid: 1964; Post tat-twelid: Qardahah/Syria; Nazzjonalità: Sirjana; Sess: raġel	Jihad Barakat huwa, permezz taż-żwieġ, assoċjat mal-familja Assad. Huwa wkoll mexxej ta' milizzja affiljata mar-reġim u għad għandu funzjonijiet differenti militari u ta' intelligence għar-reġim.	24.4.2023
340.	Raji FALHOUT راجي فلحوط	Data tat-twelid: 3.10.1985; Post tat-twelid: Atil, Syria; Pożizzjoni: Mexxej tal-milizzja affiljata mar-reġim Sirjan; Nazzjonalità: Sirjana; Sess: raġel	Raji Falhout imexxi milizzja li hija assoċjata mal-Intelligence Militari Sirjana. Raji Falhout huwa involut ukoll fit-traffikar tad-droga marbut ma' Captagon. Il-kummerċ ta' Captagon sar mudell ta' negozju mmexxi mir-reġim, li jarrikkixxi ċ-ċirku intern tar-reġim u jifforma l-ankra ta' salvataġġ tiegħu. Għalhekk jibbenefika mir-reġim u jappoġġah.	24.4.2023
341.	Muhammad ABDO ASSAAD magħruf ukoll bħala Asa'ad محمد عبده أسعد	Data tat-twelid: 19.7.1975; Post tat-twelid: Ain Tineh, Damascus Countryside, Syria; Nazzjonalità: Sirjana; Indirizz: Assaad Building, Main Street, Ain Tineh, Damascus Countryside; Informazzjoni oħra għall-identifikazzjoni: Missier: Abdo Assaad Sess: raġel	Muhammad Abdo Assaad huwa l-mexxej tal-milizzja Hosn al-Watan, li ġġieldet f'isem ir-reġim Sirjan. Dan l-aħħar, waqqaf l-Aman for Protection and Security LLC, li toffri servizzi tas-sigurtà privati u topera bħala kumpannija fittizja għall-milizzja Hosn al-Watan. Għalhekk jibbenefika mir-reġim u jappoġġah.	24.4.2023
342.	Samer AL-DIBIS سامر الدبس (magħruf ukoll bħala Samer AL-DIBS, Samir)	Data tat-twelid: 30.3.1962; Post tat-twelid: Damascus, Syria; Nazzjonalità: Sirjana; Indirizz: Naher Street, Rawda, Damascus, Syria; Sess: raġel;	Samer al-Dibis huwa negozjant ewlieni li jopera fis-Sirja, attiv f'diversi setturi tal-ekonomija, speċjalment fl-industrija tal-kimika u fil-proprjetà immobbli. Huwa membru tal-Bord tad-Diretturi tal-Kunsill tan-Negozju Sirjan-Ċiniż u l-president tal-Kamra tal-Industrija ta' Damasku u taż-Żona Rurali ta' Damasku. Huwa wkoll membru tal-Parlament u assoċjat mill-qrib ta' Maher al-Assad. F'dawn il-funzjonijiet Samer al-Dibis jibbenefika mir-reġim u jappoġġah.	24.4.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
343.	Ali Najib IBRAHIM علي نجيب إبراهيم (magħruf ukoll bħala Ali Najeeb IBRAHIM)	Data tat-twelid: 1991; Pożizzjoni: negozjant; Nazzjonalità: Sirjana; Indirizz: Al-Malki, Damascus, Syria; Sess: raġel	Ali Najib Ibrahim huwa negozjant ewlieni li jopera fis-Sirja, attiv ukoll fis-settur tat-telekomunikazzjoni. Huwa s-sid ta' diversi kumpaniji fittizji, li ġew marbuta mar-reġim Sirjan f'tentattivi biex jiġu evitati s-sanzjonijiet. Huwa għalhekk jibbenefika mir-reġim u jappoġġah.	24.4.2023
344.	Jamal ISMAIL magħruf ukoll bħala Ismael جمال إسماعيل	Nazzjonalità: Sirjana; Entitajiet assoċjati: Military Intelligence Directorate; Sess: raġel	Jamal al-Ismail kien il-kmandant tal-Branch 227 tal-Military Intelligence Directorate tar-reġim Sirjan fit-13 ta' April 2013, meta l-unità tiegħu qatlet mill-inqas 41 persuna ċivili fil-belt ta' Tadamon (il-"massakru ta' Tadamon"). Huwa għalhekk responsabbli għar-repressjoni vjolenti tal-popolazzjoni ċivili fis-Sirja.	24.4.2023
345.	Jamal AL-KHATIB جمال الخطيب	Entitajiet assoċjati: Military Intelligence Directorate	Jamal al-Khatib kien uffiċjal kmandant tal-Branch 227 tal-Military Intelligence Directorate tar-reġim Sirjan fit-13 ta' April 2013, meta pparteċipa fil-qtil ta' mill-inqas 41 persuna ċivili fil-belt ta' Tadamon (il-"massakru ta' Tadamon"). Huwa għalhekk responsabbli għar-repressjoni vjolenti tal-popolazzjoni ċivili fis-Sirja.	24.4.2023
346.	Osama AL-MALIKI magħruf ukoll bħala Usama أسامة المالكي	Data tat-twelid: 1963; Post tat-twelid: Damascus, Syria; Nazzjonalità: Sirjana; Indirizz: Villa 98, Sharqiyyat, Jazira al-Khamisa, Qura al-Assad, Damascus Coutryside, Syria; Informazzjoni oħra għall-identifikazzjoni: Missier: Mohammad al-Maliki – محمد المالكي Sess: raġel	Osama al-Maliki huwa sid maġġoritarju ta' Al-Jabal Security and Protection LLC. Al-Jabal Security and Protection LLC taġixxi bħala kumpannija fittizja biex ikunu jistgħu jitkomplew l-attivitajiet tal-milizzja Saraya al-Areen 313, milizzja affiljata mar-reġim. Għalhekk, Osama al-Maliki jibbenefika mir-reġim u jappoġġah.	24.4.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
347.	Fadi SAQR فادي أحمد (magħruf ukoll bħala Fady SAKR, Fadi SAQER, Fadi SAQIR)	Data tat-twelid: 1975 Post tat-twelid: Jablah, Syria; Nazzjonalità: Sirjana; Sess: raġel	Fadi Saqr huwa mexxej tal-milizzja tan-"National Defense Forces" (NDF) f'Damasku li ilha tiġġieled f'isem ir-reġim sa minn tal-inqas l-2012. Għalhekk, Fadi Saqr huwa membru ta' milizzja affiljata ma' reġim. Fadi Saqr kien parti mil-linja ta' kmand fil-massakru ta' mill-inqas 41 persuna ċivili fil-belt ta' Tadamon fit-13 ta' April 2013 (il-"massakru ta' Tadamon"). Huwa għalhekk responsabbli għar-repressjoni vjolenti tal-popolazzjoni ċivili fis-Sirja.	24.4.2023
348.	Ahmad Ali TAHER احمد علي طاهر	Data tat-twelid: 1982; Nazzjonalità: Sirjana; Indirizz: Damascus, Mazze, Western Villas, Saraya 36 Building, 3rd Floor; Individwi assoċjati: Ħu: Khodr Taher; Entitajiet assoċjati: Castle Security and Protection LLC; Informazzjoni oħra għall-identifikazzjoni: Missier: Ali Taher; Sess: raġel	Ahmad Ali Taher għandu ishma f'Castle Security and Protection LLC, li topera bħala kumpannija fittizja għar-Raba' Diviżjoni tal-Armata Għarbija Sirjana, immexxija minn Maher al-Assad. Għalhekk jibbenefika mir-reġim u jappoġġah.	24.4.2023
349.	Amjad YOUSSEF magħruf ukoll bħala Yusuf, Yousef أمجد يوسف	Nazzjonalità: Sirjana Sess: raġel	Amjad Youssef huwa Uffiċjal tal-Mandat fid-Direttorat tal-Intelligence Militari Sirjana. Huwa kien membru tal-Branch 227 tad-Direttorat tal-Intelligence Militari tar-reġim Sirjan fit-13 ta' April 2013, meta pparteċipa fil-qtil ta' mill-inqas 41 persuna ċivili fil-belt ta' Tadamon (il-"massakru ta' Tadamon"). Huwa għalhekk responsabbli għar-repressjoni vjolenti tal-popolazzjoni ċivili fis-Sirja.	24.4.2023

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
350.	Osama RAMADAN magħruf ukoll bħala Usama أسامة رمضان	Data tat-twelid: 1973; Nazzjonalità: Sirjana; Indirizz: Damascus, Mazze, Western Villas, Saraya 36 Building, 3rd Floor; Soċju tan-Negozju:: Ahmad Ali Taher; Entitajiet assoċjati: Castle Security and Protection LLC; Informazzjoni oħra għall-identifikazzjoni: Missier: Hassan Ramadan; Sess: raġel	Osama Ramadan għandu ishma f'Castle Security and Protection LLC, li topera bħala kumpannija fittizja għar-Raba' Diviżjoni tal-Armata Għarbija Sirjana, immexxija mill-Maher al-Assad. Huwa għalhekk jibbenefika mir-reġim u jappoġġah.	24.4.2023
351.	Ali Mhanna SULEIMAN علي مهنا سليمان	Data tat-twelid: 1987; Post tat-twelid: Al-Raml, Kherbet Maaza, Tartus, Syria; Nazzjonalità: Sirjana; Indirizz: Tartus, Khirbit Maaza, 36th Estate, Ghaya Estate Area; Numru tal-identità nazzjonali: 10040018920; Isem il-missier: Mhanna; Isem l-omm: Insaf; Sess: raġel	Ali Suleiman kien il-mexxej tas-Sahab Regiment, diviżjoni tal-Armata Għarbija Sirjana magħrufa bħala "Tiger Forces". Huwa assoċjat mill-qrib ma' Suhayl Hassan. Huwa kien involut fil-finanzjament tar-reġim, inkluż permezz tal-kuntrabandu tal-fjuwil. Huwa jibbenefika wkoll mill-assoċjazzjoni tiegħu mar-reġim, bħal pereżempju minn opportunitajiet fl-iżvilupp tal-proprjetà immobbli. Huwa għalhekk jibbenefika mir-reġim u jappoġġah.	24.4.2023"

(2) l-entrati li ġejjin jiżdiedu mal-lista li tinsab fit-Taqsima B (entitajiet):

	Isem	Informazzjoni ta'identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"83.	Fourth Armoured Division of the Syrian Army الفرقة الرابع	Post tar-reġistrazzjoni: Damascus; Post prinċipali tan-negozju: Syrian regime territory in Syria; Individwi assoċjati: Maher al-Assad, Ghassan Belal	Ir-Raba' Diviżjoni Armata hija waħda mill-aktar unitajiet militari prominenti tal-armata Sirjana mmexxija minn Maher al-Assad u kkmandata minn Ghassan Bilal. Ir-Raba' Diviżjoni Armata hija responsabbli għar-repressjoni vjolenti tal-popolazzjoni ċivili. Ir-Raba' Diviżjoni Armata tagħmel profitt ukoll mill-ekonomija tal-gwerra, speċjalment it-traffikar ta'Captagon. Il-kummerċ ta' Captagon sar mudell ta' negozju mmexxi mir-reġim, li jarrikkixxi ċ-ċirku intern tar-reġim u jifforma l-ankra ta' salvataġġ tiegħu. Għalhekk, ir-Raba' Diviżjoni Armata tibbenefika mir-reġim u tappoġġah.	24.4.2023
84.	Neptunus LLC/Neptune LLC company شركة نبتونوس المحدودة المسؤولية نبتونس أوفرسيز المحدودة	Post tar-reġistrazzjoni: Lattakia, Syria; Data tar-reġistrazzjoni: 2017	Neptunus LLC hija involuta f'operazzjonijiet ta' drogi fil-port ta' Latakia. Għalhekk, Neptunus LLC tibbenefika mir-reġim u tappoġġah. Neptunus LLC twaqqfet b'mod konġunt minn Taher Al-Kayali.	24.4.2023
85.	Areen foundation/مؤسسة العرين	Post tar-reġistrazzjoni: Syria; Data tar-reġistrazzjoni: 1999; Post prinċipali tan-negozju: Syria; Individwi assoċjati: Asma al-Assad (mart Bashar al-Assad u Direttur)	Il-fondazzjoni al-Areen tippreżenta ruħha bħala fondazzjoni tal-karità, iżda hija affiljata mill-qrib mal-milizzji tar-reġim Sirjan. Il-fondazzjoni al-Areen hija mmexxija minn mart il-President, Asma Al-Assad. Il-fondazzjoni qed twassal l-għajnuna f'konformità mal-politiki u l-prijoritajiet tar-reġim, u għalhekk tibbenefika mir-reġim u tappoġġah.	24.4.2023
86.	Stroytransgaz/Стройтрансгаз	Informazzjoni oħra: Stroytransgaz Group Stroytransgaz (STG) Logistic, Stroytransgaz (STG) Engineering, STG Engineering	Stroytransgaz hija kumpannija Russa tal-inġinerija u tal-kostruzzjoni li topera fis-Sirja, li fost affarijiet oħra ħadet il-kontroll tal-akbar minjieri tal-fosfat fis-Sirja. Għalhekk Stroytransgaza tibbenefika mir-reġim Sirjan u tappoġġah.	24.4.2023

	Isem	Informazzjoni ta'identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
87.	Gecopham, the General Company for Phosphate and Mines الشركة العامة للفوسفات و المناجم	Indirizz: Palmyra Road, Homs, Syrian Arabic Republic; Telefown: 00963312751122; Email: info@gecopham.sy; Maniġer Ġenerali: Younes Ramadan	Gecopham hija kkontrollata mill-Ministeru Sirjan għaż-Żejt Petroleum u r-Riżorsi Minerali u tipprovdi appoġġ finanzjarju lir-reġim. Għalhekk tappoġġa r-reġim.	24.4.2023
88.	Al-Jabal Security and Protection LLC شركة الجبل لخدمات الحماية والحراسة	Indirizz: F6XR+495, Malek Bin Rabeaa, Damascus, Syria; Tip ta' entità: Kumpannija b'Responsabbiltà Limitata; Post tar-reġistrazzjoni: Damascus; Data tar-reġistrazzjoni: 19.10.2017; Post prinċipali tan-negozju: Damascus, Syria; Individwi assoċjati: Osama Mohammad al-Maliki	Al-Jabal Security and Protection LLC hija proprjetà ta' u ġestita minn Osama al-Maliki. Al-Jabal Security and Protection LLC taġixxi bħala kumpannija fittizja biex tippermetti li jitkomplew l-attivitajiet tal-milizzja Saraya al-Areen 313, milizzja affiljata mar-reġim. Għalhekk Al-Jabal Security and Protection LLC tibbenefika mir-reġim u tappoġġah.	24.4.2023
89.	Castle for Security and Protection LLC شركة القلعة للحماية والحراسة والخدمات الأمني magħrufa wkoll bħala Castle Security and Protection LLC, Citadel for Security and Protection	Indirizz:Saraya Roundabout, Western Villas, Mazze, Damascus, Syria; Tip ta' entità: Kumpannija b'Responsabbiltà Limitata; Post tar-reġistrazzjoni: Damascus, Syria; Data tar-reġistrazzjoni: 18.10.2017; Numru tar-reġistrazzjoni: Post prinċipali tan-negozju: Damascus, Syria; Informazzjoni oħra: Settur: Militia turned Security Company; Nru tat-telefown: +963116119331; +963943800808	Castle for Security and Protection LLC hija kumpannija privata, li taġixxi bħala kumpannija fittizja għar-Raba' Diviżjoni tal-Armata Għarbija Sirjana, immexxija minn Maher al-Assad. Castle for Security hija involuta wkoll fit-traffikar tan-narkotiċi. Il-kummerċ ta' Captagon sar mudell ta' negozju mmexxi mir-reġim, li jarrikkixxi ċ-ċirku intern tar-reġim u jifforma l-ankra ta' salvataġġ tiegħu. Għalhekk tibbenefika mir-reġim u tappoġġah.	24.4.2023

	Isem	Informazzjoni ta'identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
90.	Aman for Protection and Security LLC شركة أمان للحماية والحراسة الأمنية	Indirizz: Damascus Countryside; Tip ta' entità: Kumpannija b'Responsabbiltà Limitata; Post tar-reġistrazzjoni: Damascus Countryside; Data tar-reġistrazzjoni: 10.10.2018; Numru tar-reġistrazzjoni: 2906; Post prinċipali tan-negozju: Damascus Countryside, Syria; Individwi assoċjati: Muhammad Abdo Assad	Aman for Protection and Security LLC hija kumpannija tas-sigurtà privata, li taġixxi bħala kumpannija fittizja għall-milizzja Hosn al-Watan, imwaqqfa minn Muhammad Abdo Assaad. Għalhekk tibbenefika mir-reġim u tappoġġah.	24.4.2023"